MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 477/2012

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Micellef Grimaud)

vs

**Christopher Ryan**

iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297494(M)

U

**Joshua Xerri**

iben Gaetano, imwieled Pieta', fid-19 ta' Otturbu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 571991(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Cristopher Ryan u Joshua Xerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-12 ta' Dicembru 2011 ghal habta tas-2.00pm, fi Triq Sant' Orsola, Valletta, ikkommettew serq ta' gizirana tad- deheb minn fuq persuna ta' Luigia Caruana, anzjana ta' 81 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghall-imsemmija Luigia Caruana sabiex jingurjawha, idejqugha jew jghamlulha hsara;

Lil **Christopher Ryan** wahdu, talli kkommetta reat li ghalih hemm il- piena ta' prigunerija waqt il- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza lilu moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., datata 20 ta' Settembru 2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Otturbu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(c), 262(1)(b), 267, 276, 276A, 279(a), 280(2)(3), 339(1)(d), 17, 23, 31, 467(2), 533, 28A, 28B, 28C, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputati hatja u ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali tat-23 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenża appellata u tipprosegwi billi tiddisponi minnha skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia, għamlet enuċjazzjoni, applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-ipotezi tal-liġi, u dan billi kkonkludiet li peress li d-data tal-akkuża fil-komparixxi ma kinitx taqbel ma dik li rriżultat mill-provi, kien hemm difett serju fil-proċeduri li kellha biss twassal għall-liberatorja taż-żewġ imputati.  Dan l-aggravju qed jitressaq għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament, jingħad illi ma hemm assolutament l-ebda dubbju li l-iżball li kien il-bażi tal-liberatorja tal-imputati kien *lapsus calami* da parti tal-prosekuzzjoni u effettivament dan ġie anki rikonoxxut bħala tali mill-ewwel Qorti fis-sentenża tagħha. Hi fil-fatt stqarret ċar u tond illi '*il-Qorti hi konvinta li dan hu biss lapsus calami da parti tal-Prosekuzzjoni*' li mandakollu qatt ma ġiet korrett minnha. Madankollu, u kif jista' jiġi kkofermat bil-ġurament quddiem din il-Qorti, tentattiv tal-korrezzjoni rikjesta saret da parti tal-prosekuzzjoni u fl-umli fehma tal-appellant Avukat Ġenerali, allavolja din saret wara l-għeluq tal-provi tal-partijiet, din setgħet tintlaqa konsiderando partikolarment in-natura tagħha. L-izball in kwistjoni kien fid-data tal-inċident li ma kien ser iwassal jew jirreka l-ebda preġudizzju fil-konfront tal-imputati jekk milqugħa mill-Qorti. Din il-korrezzjoni jekk magħmula ma kinitx ser tirrekjedi provi ġodda li f'dak l-istadju tal-proċeduri ma jkunux jistgħu jinġiebu ħlief jekk l-ewwel Qorti ma taħsibx li dan ikun utli u importanti ai fini tal-ġustizzja jew jekk ikunu provi ġodda li ma kienux u ma setgħux ikunu fil-pussess tal-prosekuzzjoni qabel dak l-istadju.

Illi ulterjormanet, jingħad li meta l-ewwel Qorti ħarġet id-digriet *prima facie* kienet ibbażat dan id-digiret fuq il-provi li semgħet fl-istadju inizzjali tal-kumpilazzjoni u li kienu jirispekkjaw fatti li allegatament seħħew fit-2 ta' Diċembru 2011 u mhux fit-12 ta' Diċembru 2011 kif miġjuba fl-akkużi. Dan ifisser illi l-għoti ta' digriet *prima facie* jikkonċerna jekk hemmx bizzejjed provi li dak li jkun jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Effettivament, l-ewwel Qorti indipendetement mid-'diskrezzjoni serja' fid-data tal-akkuża u dak ravviżżat mill-provi kollha ppreżentati sa dak il-mument ħasset illi kien hemm il-prova ai fini tal-ħruġ ta' dan id-digriet. HI kellha kull għażla li f'dak l-istadju u fid-dawl ta' dik id-diskrepanza, tirrilaxxa lill-imputati jekk dehrilha opportun, kif donnu Hi rriteniet opportun li tagħmel fl-istadju aħħari tal-każ de quo bis-sentenża li qed jiġi appellata.

Illi l-istess jinghad fid-dawl tal-artikoli ravviżati mill-Avukat Ġenerali fir-rinviju a ġudizzju tiegħu li huma bbażati fuq il-provi mismugħa u traskritti matul il-kumpilazzjoni kollha. Dan ma jkunx intrinsikament marbut maċ-ċitazzjoni jew il-komparixxi iżda mal-provi li jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni u li fin-natura tagħhom setgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija fil-konfront taż-żewġ akkużati f'dan il-każ u dan indipendentement ukoll mid-data prospettata. Ikun ferm inġust li minħabba xejn inqas minn *lapsus calami,* persuna jew persuni li mill-provi jkun jidher li kkomettew reat/i jiġu eżonerati mir-responsabbilta'

kriminali, speċjalment meta l-iżball ma jkollu l-ebda pern fuq l-elementi essenzjali tar-reat li biħ dak li jkun, jinstab akkużat jew mixli.

Illi ma hemm assolutament xejn fil-liġi li jipprojbixxi talba għall-korrezzjoni ta' dik in-natura qabel l-għoti tas-sentenża u dan huwa iktar rafforzat fid-dawl ta' ġurisprudenza nostrana dwar korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjonijiet maħruġa kontra l-imputat li jkun. Huwa ormai prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati Maltin, mhux b'anqas ta' din l-Onorabbli Qorti, illi l-'komparixxi' jew 'ċitazzjoni' hija, kif jixhed isimha stess, sempliċiment 'avviso a comparire' u cioè ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti. Il-Kodiċi Penali nostran, fl-artikolu 360(2), jindika x'informazzjoni għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni:

*"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. ...".*

Issa fil-każ odjern, waqt il-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, irriżulta li r-reat indikat fiċ-ċitazzjoni fil-fatt seħħ, u li gie mwettaq mill-persuni ndikati fiċ-ċitazzjoni (l-imputati appellati) fil-konfront tal-vittma ndikata fl-istess ċitazzjoni (Luigia Caruana). Biss irriżulta wkoll li d-data tal-kummissjoni tar-reat seħħ fit-12 ta' Diċembru 2011, fatt impossibbli tenut kont illi ċ-ċitazzjoni tressqet il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2011 u ċioe disat ijiem qabel id-data fiċ-citazzjoni. Dan l-iżball ġie kkristalizzat bil-provi miġjuba li kollha jirreferu għad-data tat-2 ta' Diċembru 2011. Jinghad ukoll, għal kull buon fini, li l-kontenut tal-istqarrijiet eżebiti fil-konfront taż-żewġ appellati ukoll jirreferi għal inċident li seħħ fit-2 ta' Diċembru 2011 u mhux fid-data futura tat-12 ta' Diċembru 2011.

Għalkemm dan l-iżball, mad-daqqa t'ghajn, jista' jaghti x'jifhem li l-vot tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx gie sodisfatt, eżami aktar akkurat tal-ġurisprudenza nostrana turi mod iehor. Il-Qrati Maltin, u mhux b'anqas din l-Onorabbli Qorti, kellhom diversi okkażjonijiet fejn ipprovdew dwar in-natura u r-'rekwiżiti' taċ-ċitazzjoni/komparixxi ai termini tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll dwar is-sinjifikat u l-konsegwenzi naxxenti minn tali citazzjoni/ komparixxi. Dawn il-Qrati nvarjabbilment irritenew illi ċ-ċitazzjoni hija sempliciment ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti. Kemm il-Ligi, kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista jkun, ikunu prattici fl-approc taghhom lejn l-

applikazzjoni ta' dan l-artikolu u ma riedux li jintilfu hafna fuq kwistjonijiet, formaliżmi, u problematici teknici u procedurali a skans li ssir Gustizzja. Riedu jkunu mexxejja u prattici ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, fis-sistema procedurali Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq id-dibattitu *viva voce*, fil-prezenza tal-imputat/akkuzat, u mhux konfinat u ristrett u ċirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita tal-process kondott *viva voce* fil-presenza tal-imputat/akkuzat u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti.

Ghalhekk, il-Qrati irritenew li ċ-ċitazzjoni *"m'hemmx għalfejn issir skond xi formula sagramentali bil-preċiżjoni kollha"*. F'dan il-kuntest, is-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Marzu 1954, fil-kawża fl-ismijiet: "**Il-Pulizija vs. Frank Borg**" tistabbilixxi illi:
*"Fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hix ħlief ordni ta' komparizzjoni, u l-enunċjazzjoni tal-fatti kontentuti fiha ma hix il-bażi essenzjali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni.*"

Illi din il-linja ta' ħsieb ġiet adottata u adoperata f'diversi sentenzi mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, liema sentenzi 'lkoll isostnu li n-nuqqas ta' referenza għaż-żmien u għall-lok fiċ-ċitazzjoni, jew altrimenti referenza għal ħin u lok divers minn dak illi jirriżulta mill-provi miġjuba fil-mori tal-kawża bl-ebda mod ma jġib in-nullita taċ-ċitazzjoni u/jew il-liberazzjoni tal-imputat. Dawn l-istess sentenzi jirritjenu illi dak illi huwa mportanti fl-imsemmija ċirkostanzi huwa li l-imputat ikun a konjizzjoni tal-fatti jew ċirkostanzi li bihom jinsab akkuzat, u dan sabiex l-istess imputat ikun f'pożizzjoni illi jħejji d-difiża tiegħu. Għaldaqstant jekk bin-nuqqas ta' determinazzjoni tal-ħin jew lok fiċ-ċitazzjoni, jew inkella, b'referenza għall-ħin u lok partikolari fiċ-ċitazzjoni li mbagħad, sussegwentament, jirriżultaw differenti mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti l-imputat iħossu żvijat, huwa għandu jitlob u jingħata differiment sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu b'mod adegwat. Dan japplika mhux biss ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali operanti fl-ambitu tal-kompetenza originali taghha ai termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali, izda wkoll gie estiz ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ezercenti proceduri fil-kompetenza estiza taghha ai termini tal-artikoli 370(3)(4) tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**", l-Onor. Prim Imħallef Emeritus Vincent DeGaetano, jirriafferma s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Awwissu tas-sena 2003, u jispjega illi:

*"L-aggravju ta' l-appellant hu ... li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh.... din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwataent huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew postponement biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali ... l-Artikolu 360(2) jghid lic-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat fl-ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smiegh.*"

Illi permezz ta' din is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali estendiet b'mod espliċitu dan il-prinċipju għall-kumpilazzjonijiet, bħal fil-każ odjern, u dana b'differenza importanti, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel f'dan l-umli appell. F'dan ir-rigward, u f'dan l-istadju biżżejjed jingħad li din is-sentenza tistipula li f'kaz ta' kumpilazzjoni, il-mankanza għar-referenza għall-ħin u għall-lok fiċ-ċitazzjoni ta' fejn seħħ ir-reat ma jwassal bl-ebda mod għall-liberatorja ta'l-imputat jew addiritura għan-nullità taċ-ċitazzjoni, u dana għall-istess raġunijiet suriferiti.

Madanakollu l-istess sentenza tgħid illi kawża sommarja hija differenti minn kumpilazzjoni u dana l-għaliex f'kawża sommarja, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża, il-Qorti għandha dakinhar stess tgħaddi minnufih għas-sentenza. Għaldaqstant, f'kawża sommarja, ġaladarba l-imputat ikun gie ppreparat bid-difiża tiegħu fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti, u l-istess imputat iħossu żvijat b'mankanza ta' indikazzjoni ta' ħin jew lok, jew inkella b'referenza fiċ-ċitazzjoni ghal ħin u lok divers minn dak li effettivament jirriżulta mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti, allura l-imputat għandu jingħata d-differiment sabiex jipprepara b'mod adegwat id-difiża tiegħu.

Illi skont is-sentenza suċitata, dan ir-rimedju mhuwiex applikabbli f'kumpilazzjoni u dana l-għaliex is-smiegħ tal-provi ma jsirx f'ġurnata waħda iżda fuq perjodu ta' żmien, u għaldaqstant l-imputat ikun jaf preċiżament dwar liema fatti u b'liema provi qiegħed jigi rinfaccjat :

*"... fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il-provi ngabru fuq numru ta' granet, u mill provi mismugha wiehed seta` facilment jifhem il-post, il-hin u c-cirkostanza ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dan l-aggravju tal-appelant qed jigi respint*".

Illi dan ix-xenarju jirrispekkja ruħu perfettament fil-kaz de quo. In oltre, dawn is-sentenżi juru b'mod ċar u ampju wkoll dak li finalment għandu jħoll u jorbot ai fini ta' prosegwiment fil-proċeduri u ai fini ta' sejbien ta' ħtija ta' dak li jkun debitament mixli.

Illi jingħad ukoll għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit illi l-korrezzjoni intalbet mill-uffiċjal prosekutur fl-istadju meta l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' ġudikatura Kriminali wara l-kunsens tal-partijiet f'din il-kawża[1]. Kwindi jekk din il-korrezzjoni kienet tintlaqa lanqas kien ifisser li l-kumpilazzjoni kellha terġa tinbeda mill-ġdid u dan peress illi l-Qorti f'dak l-istadju kienet qed tmexxi proċedura sommarja. Dan huwa imsaħħaħ ulterjorment minn natura tal-korrezzjoni rikjesta li kienet riżultat ta' *lapsus calami* (kif ikkonfermat l-ewwel Qorti stess) u li f'ebda mod ma kienet twassal għal akkuża ġdida jew għal provi ġodda li f'dak il-każ kienu jirrikjedew il-Qorti fl-istat kumpilatorju tagħha.

Illi in vista ta' dan kollu u jekk il-Qorti tiddeċiedi li tilqa l-aggravju tal-Avukat Ġenerali kif miġjub f'dan l-appell ikun opportun li din il-Qorti tisma lill-Ispettur Kyle Borg tiddikjara bil-ġurament quddiemha li hi fil-fatt għamlet talba sabiex tikkoreġi l-att tal-akkuża kif miġjuba kontra l-imputat waqt it-trattazzjoni orali tal-partijiet, liema talba l-ewwel Qorti mingħajr raġuni valida jew leġittima għażlet li tiskarta.

[1] Folio 106 tal-proċess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati taht arrest fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2011 akkuzat b'diversi reati li allegatament sehhew fit-12 ta' Dicembru, 2011. Illi l-provi bdew jinstemghu u l-ewwel Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2011 rat illi hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza u irrinvjat l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Illi minn dak in-nhar sal-4 ta' Ottubru, 2012 kien hemm hames okkazzjonijiet fejn l-atti tal-kawza gew rinvjati lill-Avukat Generali. Minbarra, dan fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2012 il-Prosekuzzjoni ipprezentat mill-gdid l-akkuzi. Fil-fatt, dawn kienu jirrigwardaw akkuzi specifiki lill-appellat Christopher Ryan, wahda li tirrigwarda r-recidiva u ohra dwar ksur ta' sentenza sospiza. Ghandu jinghad li l-akkuza tar-recidiva ma ssibx ruhha fil-korp tas-sentenza. Dawn l-akkuzi godda wkoll jirreferu ghad-data tat-12 ta' Dicembru, 2011.

Illi l-Avukat Generali appellant iddikjara li l-Prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni tad-data. Din id-dikjarazzjoni ma tirrizulta minn ebda verbal u kieku l-prosekuzzjoni talbet tali korrezzjoni u l-Qorti ma laqtax tali talba l-prassi dejjem segwita hi li titlob lill-Qorti biex tivverbalizza t-talba tieghek u il-Qorti tiehu provvediment in materja. Minn dan kollu ma hemm xejn.

Illi hu car li hemm zball fid-data ta' meta graw il-fatti kif intqal fuq. Ghall-korrettezza ghandu jinghad li kemm il-prosekuzzjoni f'darbtejn, kif ukoll l-Avukat Generali matul il-kors kollu tal-kawza flew kemm il-darba l-inkartament. Din il-Qorti ssibha ferm stramba kif hadd ma nduna bi zball ta' tali proporzjoni.

Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti zbaljat meta helset lill-appellati mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' zball ta' data meta gew kommessi l-allegat reati. Fil-korp

tar-rikors tieghu ghamel referenza ghall-zewg sentenzi li javallaw it-tezi tieghu. Min-naha tal-appellati l-abbli difensuri ndikaw lill-Qorti gurisprudenza aktar recenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jimmilataw favur l-argumenti taghhom li kien hemm l-opportunita' biex dan l-izball jigi sanat izda la l-prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma talbu sanatorja ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet Il-Pulizija v. Warren Piscopo u Il-Pulizija v. Ruth Theuma (it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.

Illi f'dan il-kawza, hawnhekk qed nitkellmu dwar avarija ta' ghaxar tijiem u f'dan il-process kien hemm wisq opportunitajiet biex jigi senat tali zball.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li lahqet tali decizjoni anki fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq indikati.

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------